MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Numru 133/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

Roberta Schembri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputata Roberta Schembri ta' karta ta' identita' numru 367871(M), akkuzata talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'Dicembru tas-sena 2004 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, minghajr awtorizzazzjoni uzat computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex tidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li

jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew uzat, ikkopjat jew immodifikat kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk;

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni ghamlet output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-computer li kienu qeghdin jinzammu fih, sew billi dawn ittellghu bi xbieha jew b'kull mod iehor li jkun;

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni ikkopja data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg ghal medjum ta' hzin li ma kienx dak li soltu jinzamm fih jew ghal imkien differenti fil-medjum ta' hzin fejn soltu jinzamm;

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni hadet pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom;

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni uzat il-kodici ta' dhul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' persuna ohra, u cioe' Mark Speigner mis-Swieqi, f'computer.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet l-imputata tammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqghet tinsisti anka wara li l-Qorti taghta zmien tirrifletti.

Ikkunsidrat:

L-imputata hija akkuzata b'diversi reati koncernanti l-uzu illegali ta' computer jew taghmir jew apparat relatat.

L-imputata irregistrat ammissjoni li hija volontarja u nkondizjonata.

Stante din l-ammissjoni qeghdha issibha hatja tar-reati lilha addebitati. Ikkonsidrat kemm il-fedina penali taghha li hija netta u kemm l-istqarrija minnha rilaxxjata lill-Pulizija. Rat l-Artikolu 337B, 337C(a)(b)(c)(f)(i)(2)(3)(4), 337F(1) tal-Kap 9 u tikkundannaha Lm100 multa. Tordna wkoll id-distruzzjoni taz-zewg "hard disks" elevati u esebiti.

Tosserva ghal kull bon fini li l-ebda esperti ma gew nominati mill-Qorti in konnessjoni mal-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------